

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Marzu 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — A & G Fahrschul-Akademie GmbH vs Finanzamt Wolfenbüttel

(Kawża C-449/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 132(1)(i) u (j) — Eżenzjoni, favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali — Edukazzjoni skolastika jew universitarja — Kunċett — Kors tas-sewqan tal-karozzi mogħti minn skola tas-sewqan)

(2019/C 155/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A & G Fahrschul-Akademie GmbH

Konvenut: Finanzamt Wolfenbüttel

Dispożittiv

Il-kunċett ta' "edukazzjoni skolastika jew universitarja" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li din l-edukazzjoni ma tkoprix tagħlim tas-sewqan mogħti minn skejtel tas-sewqan, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-għan li jinkisbu liċenzji tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji B u C1 imsemmija fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan.

⁽¹⁾ ĠU C 330, 2.10.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Marzu 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State — il-Pajjiżi il-Baxxi) — Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie vs Y.Z., Z.Z., Y.Y.

(Kawża C-557/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja — Direttiva 2003/86/KE — Artikolu 16(2)(a) — Artikolu 17 — Irtirar tal-permess ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz — Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għal perijodu twil — Direttiva 2003/109/KE — Artikolu 9(1)(a) — Telf ta' dan l-istatus — Frodi — Nuqqas ta' għarfien tal-frodi)

(2019/C 155/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

Konvenuti: Y.Z., Z.Z., Y.Y.,

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 16(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li ġew prodotti dokumenti ffalsifikati għall-ħruġ tal-permessi ta' residenza lill-membri tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz, il-fatt li dawn il-membri tal-familja ma kinux jafu bin-natura frawdolenti ta' dawn id-dokumenti ma tipprekludix lill-Istat Membru kkonċernat milli, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jirtira dawn il-permessi. Konformement mal-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, madankollu, huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li l-ewwel għandhom iwettqu eżami individwalizzat tas-sitwazzjoni ta' dawn il-membri, billi jwettqu evalwazzjoni bbilanċjata u raġonevoli tal-interessi kollha involuti.
- 2) L-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn l-istatus ta' resident għal perijodu twil ingħata lil ċittadini ta' pajjiż terz abbażi ta' dokumenti ffalsifikati, il-fatt li dawn iċ-ċittadini ma kinux jafu bin-natura frawdolenti ta' dawn id-dokumenti ma jipprekludix lill-Istat Membru kkonċernat milli, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jirtira dan l-istatus.

(¹) ĠU C 402, 27.11.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Marzu 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Rechtbank Den Haag zittingsplaats Haarlem — il-Pajjiżi l-Baxxi) — E. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawża C-635/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kontrolli fil-fruntieri, ažił u immigrazzjoni — Politika tal-immigrazzjoni — Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja — Direttiva 2003/86/KE — Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva — Artikolu 3(2)(c) — Esklużjoni ta' persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja — Estensjoni mid-dritt nazzjonali tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja lil dawn il-persuni — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 11(2) — Assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jattestaw rabtiet tal-familja — Spjegazzjonijiet ikkunsidrati bħala mhux suffiċjentement plawżibbli — Obbligi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu l-passi ulterjuri kollha — Limiti)

(2019/C 155/10)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag zittingsplaats Haarlem

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: E.

Konvenut: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie